MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 16/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sharon Tanti)**

**Vs**
Paul Musu

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Novembru, 2005, ghall-habta tal-10.00 a.m., gewwa 48, Triq San Duminku, Sliema, u cioe' fir-residenza tieghu :**
**1) hebb minghajr ma ngurja lil martu Catherine Musu;**
**2) ghamel theddid ta' vjolenza fuq l-istess martu u ibnu Miguel;**
**3) ghamel mossi bla vjolenza lejn martu u ibnu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 339(b)(d) kif ukoll 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi w ikkundannatu ghal terminu ta’ detenzjoni ghal zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-bqija taghha billi tiddikjarah mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi; jew sussidjarjament billi, jekk issib lill-appellant hati ta’ xi imputazzjoni, ma tinfliggi ebda piena ta’ detenzjoni izda piena konfacenti mac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- li a bazi tal-provi prodotti w c-cahda skjetta tal-appellant meta gie kuntattjat mill-Pulizija dwar ir-rapport maghmul minn martu w c-cahda tal-appellant meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll minn fatturi ohra korroboranti, l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant; li t-tielet imputazzjoni lanqas biss tezisti fil-Kodici Kriminali; li saret akkuza ta’ theddid fuq ibnu meta din ma tirrizulta minn imkien; li l-incident gie minfuh minn martu biex tottjeni sentenza biex tuzha sabiex l-appellant jigi mkecci mid-dar konjugali pendenti l-proceduri tas-separazzjoni. Li anki jekk kellu jirrizulta li l-appellant ghamel il-ponn ma wicc martu, dan ma ma jwassalx ghas-sejbien ta’ htija taht l-ewwel imputazzjoni w ghat-theddid taht it-tieni imputazzjoni. Illi ma hemmx proporzjon bejn il-htija u l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.**

**Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu, 2006;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi x-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

CATHERINE MUSU’, **mart l-appellant xehdet li hi w zewgha jinsabu fil-pendenza ta’ kawza ta’ separazzjoni. Fit-2 ta’ Novembru, 2005, fil-ghodu kienet id-dar ma binha w semghet il-bieb ta’ barra jinfetah u dahal zewgha li l-lejl ta’ qabel ma kienx raqad id-dar. Tela’ fil-kamra fejn jorqod hu w beda’ jigbed ritratti ta’ fejn jorqod. Marret izzommu milli jaghmel dan u xejjrilha daqqa ta’ ponn u ma laqathiex ghax hi resqet lura. It-tifel ta’ tmin snin dak il-hin kien prezenti u qal lil missieru: *“Why again?”* Umbaghad l-appellant dahal fil-kamra fejn hi torqod ma binha w baqa’ jigbed ritratti w jghajjat: “*Zu minn-nofs.*” Umbaghad telaq. Meta gie is-Surgent ra li t-tifel kien qed jaghmel xi haga b’ xi bicciet tal-injam u meta s-Surgent staqsieh x’ kien qed jaghmel, it-tifel wiegbu: ”*I am creating weapons to defend my mummy.”* In kontroezami, x-xhud qalet li dak in-nhar darba xejjrilha bil-ponn. Cahdet li ir-ritratt esebit li ma kien juri xejn kien proprju gie skattat meta hi hebbet ghal zewgha.**

PS 1373 JOHN MICALLEF **xehed li fit-2 ta’ Novembru, 2005, kienet cemplet l-ghassa Mrs Musu’ w qaltlu biex imur fl-indirizz 48, Triq San Duminku, Sliema. Hu kien nizzel fl-okkorrenza li Mrs Musu’ kienet ”*in an agitatated state”* u qaltlu li *“she was about to be assaulted.”* Hu mar ghandha dak il-hin stess u sab lil Mrs Musu’ *“skaking and nearly unable to speak”* Kellem ukoll lit-tifel Miguel li kellu seba’ snin u kien ukoll agitat. Mrs. Musu’ kienet qaltlu li zewgha kien ghamel lejl shih barra w kien gie biex jiehu xi ritratti tal-kamra tieghu u nqala’ argument verbali u kien**

**hemm hafna ghajjat u li zewgha kien ghamel *"simulazzjoni ta' ponn", "ponn ma wicci" "but did not hit her".* Mrs. Musu' ma kienetx qaltlu li xejjrilha daqqa ta' ponn u resqitlu. Qaltlu li kien hemm *"name calling*" b' " *gestures and insults*." Dak il-hin it-tifel kien isammar xi injam bil-ponta w meta hu staqsieh x' kien qed jaghmel, qallu li kien qed jaghmel *weapons* biex jiddefendi lill ommu kontra mssieru. L-appellant kien cahad kull allegazzjoni. Meta wasal hu, Mrs. Musu' kienet liebsa u mhux kif tidherfir-ritratt esebit. Hu kien inkluda lit-tifel fl-akkuza ghax kien rah agitat u thassru.**

L-APPELLANT x**ehed li mhux minnu li hu ma kienx raqad id-dar il-lejl ta' qabel kif xehdet martu. Hu ried jipprezenta risposta fil-Qorti u fuq parir u ordni tal-Avukat tieghu kien mar jigbed ritratti ta' fejn kienu qed jorqdu hu w martu biex jannettihom mar-risposta li kellu jipprezenta fil-Qorti. Meta mar biex jiehu r-ritratti t-tifel kien fuq is-sodda jilghab u jilghabb baqa'. Hu kien qed jigbed fil-kamra tat-tifel fejn batitu jorqod martu. Giet martu w imbuttatlu l-camera meta kien qed jigbed, tant hu hekk, li fost ir-ritratti esebiti hemm wiehed bla sens. Mhux veru li hu ghaqqad il-ponn f' wiccha. Martu cemplet lill-avukat taghha tghajjat u dan qalilha biex iccempel l-ghassa. Hu ma irrejagixxiex. Martu kienet halfitlu li trid titfghu 'l barra mid-dar konjugali. Hu jallega li ghandha wicc haddiehor u hi taghmnel l-istess fil-konfront tieghu. Meta hi cemplet l-ghassa, hu kien lahaq telaq. Wara li kien ha r-ritratti ghand l-avukat, hu mar l-ghassa. It-tifel kellu xabla li nkisritlu w l-mastrudaxxa kien tah xi njam biex jaghmel ohra bhala.**

**Ikkonsidrat;**

Illi din hi kwistjoni ta' kredibilita' aktar milli haga ohra. Illi din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni. Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-

liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. (Ara App.Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi propensa li temmen l-ewwel versjoni ta' Catherine Musu' li meta l-appellant gie konfrontat minn martu li, ghal ragunijiet li taf hi, ma riedietux jiehu ritratti tal-ambjenti tad-dar fejn kienu jorqdu, kif hu kellu kull dritt li jaghmel, hu rrejagixxa billi ghaqqad il-ponn fil-konfront taghha bla ma attwalment xejjrilha bil-ponn, cirkostanza li jidher li zieditha biss meta xehdet quddiem din il-Qorti.

**F' kull kaz kemm jekk l-appellant attwalment xejjer bil-ponn u ma laqatx kif ukoll jekk ghaqqad il-ponn f' wicc martu , dan l-agir tal-appellant, anki jekk provokat, ikun jammonta ghal *"via di fatto"* u kien jikkostitwixxi l-kontravvenzjoni tal-hebb kontemplat fl-artikolu 339 (d) tal-Kodici Kriminali. Illi apparti dan pero',ma jirrizulta ebda theddid fil-konfront ta' martu w, inqas u inqas, fil-konfront ta' ibnu, kif addebitat fit-tieni imputazzjoni.**

**Illi ghar-rigward tal-piena, una volta li l-appellant mhux qed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni, zgur li hemm lok ghall-temperament fil-piena. Mbaghad, konsidrat li kull ma ghamel l-appellant kien li ghaqqad il-ponn meta gie mizmum minn martu milli jiffotografa l-ambjenti tad-dar fejn hu stess kien jghix, jidher li l-piena karcerarja kienet manifestament sproporzjonata ghall-incident minimu li ssuccieda bejn il-konjugi Musu'. Din il-Qorti bl-ebda mod ma trid tikkondona l-vjolenza domestika, imma f' dan il-kaz ma gie mwegga' hadd u kien hemm biss rejazzjoni minima ghall-agir tal-istess mart l-appellant li legalment zgur li ma kienx gustifikat ghax hu kellu kull dritt li jiffotografa l-ambjenti tad-dar tieghu biex jesebihom fil-Qorti fil-kawza tas-separazzjoni w martu ma kellha ebda dritt li timpedieh li jaghmel dan, kif**

**irrizulta li ghamlet, b’mod li, jekk kien hemm dan l-incident minimu, dan ipprovokatu kollu kemm hu hi stess.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni w illiberatu minnha w in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn ikkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni w minnflok tilliberah mit-tieni imputazzjoni w tikkundannah ghall-ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (LM25) fuq l-ewwel imputazzjoni li, jekk ma tithallasx illum stess , tigi konvertita f’ hamest ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 u 14 tal-Kodici Kriminali. Inoltre , wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Catherine Musu’ , flimkien ma din il-piena, qed torbot lill-appellant b’ obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100) li ssir dovuta jekk hu, fi zmien sena mil-lum b’ xi mod kwalsiasi jhebb, isawwat jew jikkaguna xi offiza tkun xi tkun fuq il-persuna ta’ martu Catherine Musu’.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------